**Minuti tal-mitejn u erbgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 10 ta' April, 2012, fil-5 p.m. u nhar it-Tnejn, 16 ta' April, 2012, fis-7 p.m. Din hija wkoll it-tieni laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

<u>Il-laqgħat dejjem bdew b'dawn il-membri preżenti-</u>

| | |
|---|---|
| <u>Sindku :</u> | Is-Sur Joseph Cordina |
| <u>Viċi Sindku :</u> | Is-Sur Aaron Aġius |
| <u>Kunsilliera :</u> | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard |
| | Dr. Kevin Cutajar u |
| | Is-Sinjorina Maria Grima |
| <u>Uffiċċjali</u> | |
| Agent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur George Refalo |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgha Numru 273 li saret nhar it-Tlieta, 3 ta' April, 2012.

**Punti mqajma mill-Minuti**

Is-Sindku Joseph Cordina nforma lill-Kunsill li għall-ewwel darba fl-Istorja tal-Kunsilli Lokali, il-ġurament tal-Ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku, kien ser jingħata waqt Ċerimonja organizzata apposta mill-Kumitat Reġjonali fil-Banca Ġiuratale ir-Rabat, Għawdex. Għaldaqstant peress li ċ-Ċerimonja tal-Ħatra tal-Ġurament kienet oriġinarjament deċiża li tkun organizzata nhar it-Tnejn, 9 ta' April, 2012 u imbagħad eventwalment ġiet posposta għall-ġurnata tat-Tlieta, 10 ta' April, 2012, jiġifieri fl-istess ġurnata tal-Laqgħa tal-Kunsill, is-Sindku Joseph Cordina nforma lill-Kunsill sabiex f'każ ta' l-eventwalita' illi l-laqgħa ma tkunx intemmet sas-7.15p.m., il-laqgħa għanda titkompla ġurnata oħra li għandha tiġi deċiża fl-aħħar tal-laqgħa tallum. Is-Sindku Joseph Cordina filwaqt li skuża ruħu minħabba dan l-imprevist, fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li l-laqgħa tal-Kunsill tkun imlaqqa' proprju llum 10, ta' April, 2012 peress li ċ-ċerimonja tal-Ħatra tal-Ġurament kienet oriġinarjament proposta għad-data tad-9 ta' April, 2012. Biss meta ċ-ċerimonja tal-Ħatra tal-Ġurament ġiet eventwalment posposta proprju għad-data tallum, u

s-Sindku u l-Viċi Sindku ma setgħux ikunu assenti proprju għal din iċ-ċerimonja li inzertat ukoll l-ewwel waħda fl-istorja tal-Kunsilli Lokali, ma kienx fadal x'wieħed jagħmel ħlief li l-laqgħa tal-Kunsill titlaqqa' kif deċiż peress li ż-żmien ma kienx jippermetti li jsiru arranġamenti mod ieħor għall-aħjar ta' kulħadd.

**Komunikazzjoni tas-Sindku fosthom l-asfaltar tat-toroq taħt l-iskema PPP, il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku, proġetti taħt il-miżura 313 tal-programm Leader, skambji kulturali, progetti ffinanzjati minn fondi tal-Unjoni Ewropea u l-organizzazzjoni tal-attivitajiet ta' Jum ix-Xagħra u materji ohra.**

Is-Sindku Joseph Cordina beda billi ta' spjegazzjoni tal-istat eżistenti tal-progetti li kien applika għalihom il-Kunsill Lokali Xaghra preċedenti u li wasslu biex jibdew jew jitkomplew. Dan għamlu minħabba l-fatt li aktar min-nofs ill-Kunsiliera preżenti kienu ġodda u qatt ma kienu servew f'Kunsilli preċedenti. Is-Sindku Joseph Cordina tkellem dwar:

1. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li wara li tlestew ix-xogħlijiet fit-toroq Vestru u Patri Mattew Sultana taħt l-iskema tal-PPP, il-kuntrattur infurmah li fil-ġranet li ġejjin kien wasal sabiex jingħata t-tarmak fit-toroq tal-*Housing Estate* ta' Triq il-Knisja. Is-Sindku Joseph Cordina ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kuntrattur Road Construction Ltd. għadu ma ffirmax il-kuntratt tax-xogħolijiet, allavolja diġa ilu ħafna jaħdem fuq it-toroq elenkati fil-kuntratt. Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jibdew ukoll diskussjonijiet fil-ġranet li ġejjin dwar il-proġett tat-Triq Marsalforn.

2. Is-Sindku Joseph Cordina bi pjaċir ħabbar lill-Kunsill li fl-aħħar il-Kunsill irċieva l-permessi kollha meħtieġa mill-MEPA sabiex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet fuq il-bini l-ġdid taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser isir *meeting* mas-Supretendent tal-Pulizjia responsabbli mid-Distrett ta' Għawdex dwar l-Għassa l-ġdida li ser tkun tifforma parti miċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid, kif ukoll dwar il-post temporanju li għadu jrid jinstab sabiex jospita l-Għassa tal-Pulizija ġewwa x-Xagħra sakemm jitlesta l-bini tal-Għassa l-ġdida. Christian Zammit saqsa dwar il-possibilta' li jinkrew il-postijiet l-oħra riservati għall-business u li jiffurmaw parti mill-binja taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li t-taħdidiet mal-Bank of Valletta għadhom għaddejjin. Joseph Attard saqsa dwar jekk instabx post alternattiv minn fejn ser ikun qiegħed jopera l-Kunsill matul il-bini taċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll x'soluzzjoni hemm dwar l-għeluq tal-Latrina Pubblika tar-Raħal li ukoll ser titwaqqa' sabiex tinbena waħda ġdida fl-istess binja taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li għadu jrid jiġi diskuss fil-Kunsill il-post alternattiv minn fejn ser ikun qiegħed jopera temporanjament il-Kunsill matul il-bini taċ-Ċentru Ċiviku. Dwar latrini, is-Sindku wieġeb li l-ħsieb hu li jitpoġġew mobile toilets f'post ċentrali sabiex iservu temporanjament tal-latrini sakemm jitlestew dawk ġodda.

3. Rigward il-proġetti li ser isiru mill-Kunsill taħt il-miżura 313 u ffinanzjati mill-Program Leader, is-Sindku Joseph Cordina fakkar li l-Kunsill diġa applika għall-sitt proġetti ta' tisbieħ ta' ġonna u belveders imxerrdin max-Xagħra li jinkludu refurbishment tal-ġnien ta' fejn il-Mitħna Ta' Kola, estensjoni tal-playing field eżistenti, 2 Belveders fi Triq Gajdoru u ieħor fi Triq Marsalforn u belveder ieħor fejn in-niċċa ta' Triq il-Knisja. Is-Sindku Joseph Cordina fakkar li l-Kunsill ingħata mill-MRA €285,000 għal dawn il-proġetti. Hu bi pjaċir ħabbar ukoll li x-xogħol fuq il-ġnien ta' fejn il-Mitħna Ta' Kola ser jibda hekk kif joħorġu t-*Tenders* dalwaqt.

4. Is-Sindku Joseph Cordina bi pjaċir ħabbar li sallum l-iskambji kulturali li ġew approvati huma waħda f'Awwissu 2012 fl-Ungerija u oħra f'Napli l-Italja bejn l-aħħar ta' Settembru u bidu ta' Ottubru 2012. Rigward l-iskambju kulturali mal-Kunsill ta' Chevaigné fi Franza fejn għall-avvenimenti li ser isiru taħt il-programm *Europe for Citizens*, dan il-Kunsill Franċiż qiegħed jistieden lill-Kunsill tax-Xagħra sabiex itellgħu grupp ta' tletin persuna għal avveniment li huma ser jorganizzaw f'Ġunju li ġej. Minħabba li l-Kunsill ġie mitlub ukoll li jintbagħat kor. Għalhekk, wara li ddiskuta kull proposta, il-Kunsill iddeċieda li għandhom jiġu kkuntatjati l-Korijiet kollha tar-raħal sabiex jekk inhuma nteressati jipparteċipaw matul dan l-avveniment, jiddikjaraw mil-lum dan l-interess.

5. Is-Sindku Joseph Cordina fakkar li l-Kunsill preċedenti kien daħal f'partners ma' diversi Kunsilli Taljani fi proġett imsejjaħ DIAMI li kien jikkonsisti f'diversi seminars u avvenimenti fuq it-temi tal-immigrazzjoni. Għalhekk is-Sindku stieden lil Christian Zammit sabiex jaġġorna lill-Kunsill dwar dan il-proġett peress li s-Sur Zammit attenda f'isem il-Kunsill għal-laqgħa li saret apposta għall-partners kollha ta' dan il-proġett f'Ravenna bejn it-13 u s-16 ta' Marzu, 2012. Christian Zammit informa lill-Kunsill li l-partners l-oħra ta' dan il-proġett fl-imkien mal-Kunsill tax-Xagħra huma Kunsilli li ġejjin mill-Italja, il-Fillandja, Svezzja, u tnejn minn Spanja. Hu ħabbar li l-konferenza li l-Kunsill tax-Xagħra jrid jorgnaizza skont dan il-proġett ġiet deċiża li ser titella' f'April 2013. Hu spjega li għal din il-konferenza l-Kunsill tax-Xagħra ser jingħata s-somma ta' €12,000 fejn l-ewwel pagament ta' €6,000 ser jingħata dalwaqt bil'quddiem u s-€6,000 l-oħra ser jingħataw ftit qabel il-konferenza, jiġifieri fl-2013. Christian Zammit informa ukoll lill-Kunsill li l-ewwel konferenza bħala parti minn dan il-proġett ser issir fi Spanja f'Mejju li ġej. Għalhekk il-Kunsill iddecieda li għal din il-laqgħa jattendi Christian Zammit u li fl-assenza tas-Sindku, peress li kien indispost, għandu jattendi Joseph Attard.

6. Is-Sindku imbagħad għadda sabiex jiġi diskuss draft program imħejji għall-Jum ix-Xagħra li hu t-28 ta' April u li din is-sena ser jaħbat nhar fil-jum tas-Sibt. Is-Sindku stieden lill-Kunsiliera sabiex jekk għandhom xi proposti jew opinjonijiet

jgħadduhom bil-miktub sabiex jiġu diskussi fl-laqgħat oħra opposta sabiex jiġi finallizzat il-programm ta' Jum ix-Xagħra.

7. Peress li kien qiegħed isir il-ħin, il-Kunsill iddeċieda li jkun aħjar jekk jiġi diskuss l-għoti ta' unur Ġiegħ ix-Xagħra u li l-materji l-oħra jiġu diskussi fil-laqgħa ta' kontinwazzjoni li trid issir u li d-data tagħha għada trid tiġi deċiża.

**Għoti ta' Unur Ġiegħ ix-Xagħra**

Is-Sindku Joseph Cordina informa lill-Kunsill li wara li kienet ħarġet applikazzjoni fost l-Għaqdiet kollha tar-raħal sabiex jipproponu isem ta' persunaġġ mir-raħal tax-Xagħra li skont huma għandu jingħata l-unur ta' Ġiegħ ix-Xagħra f'Jum ix-Xagħra nhar is-Sibt, 28 ta' April, 2012, il-Kunsill kien eventwalment irċieva 6 nominazzjonijiet b'kollox hekk kif għalqet l-applikazzjoni. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li għandu jittieħed vot dwar min għandu jingħata dan l-unur ta' Ġiegħ ix-Xagħra 2012. Peress li nominazzjoni minnhom kienet tinkludi l-isem tal-mibki Ġużeppi Grima, ex-Sindku tax-Xagħra, is-Sinjorina Maria Grima, li hi bint il-mibki Ġużeppi Grima, iddikkjarat kunflitt ta' interess u talbet sabiex tkun eżenti mill-vot li kien ser jittieħed sabiex tiġi magħżula l-persuna li ser tingħata l-unur ta' Ġiegħ ix-Xagħra 2012. B'vot unanimu ġie ddikkjarat li Michael Ċini għandu jingħata l-unur prestiġġjuż ta' Ġiegħ ix-Xagħra 2012 waqt iċ-Ċerimonja li ser tiġi organizzata apposta nhar is-Sibt, 28 ta' April, 2012.

**Ħatra tal-Bord biex jintgħażel is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill.**

Il-Kunsill iddeċieda li peress li skont Memo 4/2012 maħruġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, hemm stipulat li n-numru tal-membri li jistgħu jservu fil-Bord tal-Għażla tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ma jistax jeċċedi l-ħames persuni, kif ukoll peress li fil-laqgħa tal-Kunsill Nru 270 kien diċiż li l-Bord tal-Għażla kellu jkun iffurmat mill-membri kollha tal-Kunsill ta' dak iż-żmien peress li dakinhar il-Kunsill kien magħmul minn ħames persuni biss, is-Sindku Joseph Cordina stieden lill-Kunsill sabiex jiddeċiedi min huma dawk il-persuni idonji li jixtiequ jservu f'dan il-Bord tal-Għażla. Il-Kunsill iddeċieda bi qbil unanimu li l-Bord tal-Għażla għandu jkun maħtur mis-Sindku Joseph Cordina, il-Viċi Sindku Aaron Agius flimkien mal-Kunsiliera Christian Zammit, Joseph Attard u Maria Grima. Ġie deċiż li dan il-Bord għandu jiltaqa' fil-ġranet li ġejjin sabiex jiddiskutu l-andament u d-data tal-intervisti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li peress li l-Memo imsemmi aktar qabel kien jistipula li l-Bord tal-Għażla jrid bilfors ikun assistit minn Segretarju Eżekuttiv u hu huwa Aġent Segretarju Eżekuttiv kif ukoll hu wieħed mill-applikanti eleġibbli għal din il-vakanza, il-Kunsill iddeċieda li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali għandu jiġi minnufih infurmat b'dan sabiex skont ma jistipula l-istess Memo, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jaħtar Segretarju Eżekuttiv hu

sabiex jassisti lil dan il-Bord sabiex jinħatar is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tax-Xagħra.

**Aprovazzjoni tal-Pagamenti**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Peress li kif kien imħabbar mis-Sindku Joseph Cordina fil-bidu ta' din il-Laqgħa, li f'każ li l-laqgħa ma tkunx lesta sas-7.15p.m., ser ikollha tiġi interrotta u eventwalment ikella issir laqgħa oħra ta' kontiwazzjoni f'data oħra, is-Sindku Joseph Cordina ippropona li ġaladarba skond l-aġenda għad fadal x'jiġi diskuss, il-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 16 ta' April, 2012 fis-7 p.m. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta u l-laqgħa spiccat fis-7.15 p.m.

| | |
|---|---|
| **Joseph Cordina** | **George Refalo** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Minuti tal-Kontinwazzjoni tal-mitejn u erbgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 16 ta' April, 2012, fis-7 p.m. Din hija wkoll tkomplija tat-tieni laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

<u>Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-</u>

| | |
|---|---|
| <u>Sindku :</u> | Is-Sur Joseph Cordina |
| <u>Viċi Sindku :</u> | Is-Sur Aaron Aġius |
| <u>Kunsilliera :</u> | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard |
| | Dr. Kevin Cutajar u |
| | Is-Sinjorina Maria Grima |
| <u>Uffiċċjali</u> | |
| Agent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur George Refalo |

**Komunikazzjoni tas-Sindku fosthom id-Dekasteri assenjati lis-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsiliera, il-program ta' attivitajiet ta' Jum ix-Xagħra u materji oħra.**

Is-Sindku Joseph Cordina għarraf lill-Kunsill li l-Kunsill tax-Xogħra ingħata Premju Nazzjonali għall-Appoġġ għall-Intrapriżi u s-somma sabieħa ta' € 5000 mill-Ministru Jason Azzopardi waqt Ċerimonja apposta li saret fil-Lukanda Le Meridien ġewwa San Ġiljan, Malta. Is-Sindku Joseph Cordina kompla billi qal li dan il-premju hu garanzija ta' kemm kien suċċess il-Kunsill preċedenti, indipendentament minn dak kollu intqal f'ċertu miedja partikulari.

Is-Sindku Joseph Cordina għadda mbagħad sabiex ippreżenta l-lista tad-dekasteri kif ġew assenjati lil kull kunsilier li ser iservu għal dawn it-tlett snin li ġejjin matul is-sitt Leġislatura tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra.

**Is-Sindku:**

Ippjanar u Infrastuttura

Relazzjonijiet mal-Għaqdiet Soċjali u Attivitajiet Kulturali

Anzjani

Proġetti finanzjati mill-Unjoni Ewropea

**Il-Viċi Sindku:**
Żgħażagħ
MEPA u Ambjent
Kumitat Konġunt
Jgħin lis-Sindku fl-organizazzjoni ta' attivitajiet Kulturali

**Dr. Christian Zammit:**
Ġemellaġġi
Relazzjonijiet Internazzjonali
Fondi tal-Unjoni Ewropea
Jgħin lis-Sindku fuq proġetti finanzjati mill-UE

**Victor Zammit:**
Sports
Upkeeping tal-Godda Pubblici
Negozzju u Kummerċ Fix-Xaghra
Kultura u Wirt Storiku
Jgħin lis-Sindku fil-qasam tal-anzjani

**Dr. Joseph Attard:**
E-Councilor
Żvilupp Soċjali
Turismu fix-Xaghra
Indafa u Separazzjoni tal-Iskart

**Dr. Kevin Cutajar:**
Innovazzjoni u tiġdid tas-sistemi
Saħħa, sigurta' u aċċessibilita'

**Maria Grima:**
Edukazzjoni u l-Librerija
Ugwaljanza
Affarijiet tal-familja

Il-Kunsill qabel mad-dekasteri kif assenjati u preżentati.

Is-Sindku Joseph Cordina nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħadd, 22 ta' April ġewwa l-Pjazza prinċipali tax-Xagħra ser issir żjara mill-Mini Owners Club ta' Malta. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-Pjazza tkun magħluqa għat-traffiku.

Is-Sindku nforma li xi residenti ġibdulu l-attenzjoni li minn passaġġ fi Triq il-Knisja joħroġ ħafna ilma għat-triq kull meta tagħmel ix-xita. Għalhekk hu ssuġġerixxa li jsir gandott biex jiġi estiż għal ma' dak ta' Triq il-Knisja sabiex l-ilma jiġi evitat li jibqa' fuq wiċċ it-triq kull meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-istess kuntrattur u li jsir ukoll bl-istess rati li hemm stipulate fl-offerta.

B'konnessjoni mal-istess gandott ta' Triq Bullara, is-Sindku Joseph Cordina għarraf lill-Kunsill li l-kuntrattur li qiegħed jaħdem fuq dan il-gandott, ġibidlu l-attenzjoni li minħabba l-pendil tat-triq u dak tal-gandott, eventwalment irriżulta li hemm spazju għall-katusa oħra flok il-waħda oriġinarjament deċiża. Hu kompla jispjega li jekk wieħed irid jikkunsidra li l-ilmijiet fit-toroq jistgħu biż-żmien jiżdiedu u mhux jonqsu, ġaladarba hemm lok għall-katusa oħra, qiegħed jiġi suġġerit mill-Kuntrattur li jekk il-Kunsill jaċċetta li ssir din il-katusa *extra* mal-oħra, il-varjazzjoni fil-prezz tkun dik tal-ispejjez tal-katusa biss. Għalhekk il-Kunsill qabel li ġaladarba l-ispejjeż tal-katusa biss m'humiex kbar ħafna, din il-katusa *extra* għandha ssir kif suġġerit.

Is-Sindku Joseph Cordina informa lill-Kunsill li wara li ħarġet l-offerta sabiex jibdew ix-xogħolijiet fuq gandott eżistenti fi Triq Shaft, il-persuna li oriġinarjament għamlet it-talba sabiex isiru x-xogħolijiet u eventwalment ġie deċiż mill-Kunsill li tinħareġ l-offerta, qegħda issa toġġezzjona għal mod kif ser isiru x-xogħolijiet. Is-Sindku kompla billi rrakkonta x'qal fl-eventwalita' lir-resident u kif l-affarijiet kif kienu ser isiru kienu aktar minn suffiċċjenti sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema li qed jgħid li qed isoffri kawża tal-gandott. Hu għarraf ukoll li l-Kuntrattur talbu sabiex ta' lanqas jitħallas lura tal-ispejjeż u tax-xogħol li laħaq għamel kemm-il darba dan ix-xogħol ser jitwaqqaf hekk ħesrem. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-Kuntrattur jitħallas tal-ispejjeż u tax-xogħol li s'issa għamel, meta jippreżenta l-kont, kif ukoll sabiex dan il-proġett jerġa' jiġi diskuss biss kemm-il darba l-Perit tal-Kunsill u l-Kunsill jaqblu li l-problema li qed jallega li qed isoffri dan ir-resident, hi verament kawza tal-gandott eżistenti, wara li jiġi ippreżentat rapport mill-perit tar-resident konċernat.

Is-Sindku Joseph Cordina nforma lill-Kunsill dwar ittra mibgħuta mit-Transport Malta dwar ħofor fit-Triq tar-Ramla fl-inħawi ta' Għajn Ħosna. Hu wera x-xewqa li din it-triq xi darba tinbena mill-ġdid u jkollha wiċċ ġdid bħalma saret il-parti li mir-Ramla twassal għan-Nadur. Biss peress li l-Budget ta' din is-sena ma jippermettix dan għalissa, il-Kunsill qabel li għalissa bilfors irid isir il-patching meħtieġ sabiex dawn il-ħofor jingħalqu b'benefiċċju għal dawk kollha li jagħmlu użu minn din it-triq. Il-Viċi Sindku Aaron Agius issuġġerixxa li ġaladarba l-kumnpanija Arriva bdiet tagħmel aktar użu mit-Triq tar-Ramla, il-Kunsill għandu jibda taħdidiet ma' Transport Malta dwar il-possibilita' li din it-Triq issir mill-istess Awtorita'. Il-Kunsill iddeċieda bħala miżura short-term għandu jsir il-patching bil-*Cold Mix*.

Is-Sindku Joseph Cordina rrimarka li minħabba l-ispejjeż tal-kirja tal-jigger u t-trimmer tas-siġar, wasal iż-żmien li l-Kunsill jikkunsidra bis-serjeta' li jinxtraw sew jigger kif ukoll trimmer u jkunu proprjeta' tal-Kunsill. Is-Sindku kompla billi fakkar li l-Kunsill għandu ħafna għodda tiegħu u għalhekk qiegħed kull ma jgħaddi ż-żmien, jinħass il-ħtieġa li din l-għodda kollha tkun miġbura f'post wieħed. Għalhekk hu talab lill-kunsill jikkunsidra li għalissa jinkera garage sabiex titpoġġa din l-għodda fih u sakemm il-Kunsill jkun bena ċ-Ċentru Ċiviku li ser ikollu spazju biżżejjed fejn jinżammu l-għodod. Hu informa ukoll lill-Kunsill li l-photocopier ma għadiex taħdem u li minħabba li għandha ż-żmien, ma tistax titranġa. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jintalbu quotations sew għal xiri ta' jigger u trimmer, kif ukoll ta' xiri jew kiri ta' photocopier, kif ukoll ta' kiri ta garage sabiex titpoġġa fih l-għodda tal-Kunsill

Is-Sindku Joseph Cordina wera x-xewqa li din is-sena jerġa' jiġi offrut mill-Kunsill kors tal-First Aid miftuħ għar-residenti kollha tax-Xagħra. Il-Kunsill qabel li dan il-kors jerġa jsir u li għandu jiġi kkuntattjat Ettienne Micallef.

Is-Sindku Joseph Cordina wera x-xewqa wkoll li bħas-snin imgħoddija jerġa' isir kors offrut mill-Kunsill fuq Basics tal-Kompjuter. Il-Kunsill qabel li dan il-kors jerġa jsir u li għandhom jinġabbru l-*quotations* mill-Kumpaniji li joffru dan it-tip ta' kors.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill il-konkorrenza għaż-Żumba kienet waħda nkoraġġanti ħafna u kbira. Għaldaqstant sabiex ikunu jistgħu jsiru s-sessjonijiet kif ippjanati u għal kulħadd f'darba, qiegħed jiġi suġġerit li jsiru taħdidiet mas-Surmast tal-Iskola Primarja dwar il-possibilita' li dawn is-sessjonijiet isiru jew ġewwa s-sala tal-Iskola jew il-ġnien tal-iskola. Il-Kunsill qabel li jiġi kkuntatjat is-Surmast tal-Iskola dwar dan.

Is-Sindku Joseph Cordina għarraf lill-Kunsill li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart li l-Kunsill għandu mal-Green Pack wasal biex jiskadi. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li għandhom jiġu evalwati kumpaniji oħra kif ukoll li toħroġ l-offerta meta jasal iż-żmien.

Is-Sindku Joseph Cordina talab lill-Kunsill jiddiskuti l-proposta dwar il-ftuħ tal-Librerija Pubblika kull nhar ta' Sibt matul ix-xhur tas-Sajf u l-vaganzi. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

Imbagħad is-Sindku għadda sabiex qara l-program finali tal-attivitajiet imħejjija għal Jum ix-Xagħra li din is-sena ser ikun nhar is-Sibt, 28 ta' April, 2012. Il-Kunsill approva l-program unanimament. Il-Kunsill wara diskussjoni qasira iddeċieda li jiġu kkuntatjati Ms Orietta Gatt u s-Sur Anthony Grech dwar jekk humiex disposti li din is-sena jippreżentaw huma flimkien iċ-Ċerimonja ta' Jum ix-Xagħra. Ġie deċiż ukoll li s-sound ikun f'idejn Ronnie Dimech. Kevin Cutajar wera x-xewqa li għaċ-ċerimonja ta' Jum ix-Xagħra, ir-rapreżentanti tal-Għaqdiet tar-Raħal kollha li jeżistu fix-Xagħra ma jonqsux bla bżonn peress li tkun ħafna xi ħaġa sabieħa ħafna li f'dan il-Jum partikulari għall-komunita' tax-Xagħra, dawn l-Għaqdiet ikunu preżenti ukoll. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-Għaqdiet kollha tar-raħal għandhom jiġu kkuntatjati kif ukoll jintbagħtilhom invit tal-okkażżjoni.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

1) Ittra mit-Transport Malta f'isem il-kumpanija Arriva tilmenta dwar il-Ħofor li hemm fi Triq Għajn Ħosna sabiex jingħalqu mill-aktar fis possibbli. Il-Kunsill diġa iddecieda li jsir dan il-patching għalissa filwaqt li jibdew diskussjonijiet ma' Transport Malta dwar il-bini mill-ġdid ta' din it-triq.

2) *E-mail* mir-Reġjun ta' Għawdex tistieden lill-Kunsilli Lokali li attendew għaċ-ċerimonja tal-Ġurament nhar it-Tlieta, 10 ta' April, 2012, sabiex qabel ma jaġixxu fuq instruzżjonijiet mibgħuta f'ittra tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata 16 ta' April, 2012 bir-referenza DLG/1/2012/1, jistennew ir-risposta li għada qed tiġi formula mir-Reġjun ta' Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3) *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar laqgħa ta' diskussjoni li ser tiġi organizzata mill-MEUSAC flimkien mal-Kumitat għas-sena Ewropea 2012 bit-tema *Bridging Age Gaps through EU Funding*. Il-Kunsill iddecieda li jattendi għal-laqgħa l-Kunsilier Victor Zammit.

4) *E-mail* minn għand Pauliana Said f'isem il-Kumpanija 3a Accountants fejn qed iħabbru li ser joffru kors fl-ewwel ġimgħa ta' Ġunju jismu Accounting for Local Councils, kif ukoll korsijiet oħra f'oqsma oħra. Il-Kunsill iddeċieda li għalissa jiġi bbukkjat post wieħed. F'każ li s-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid iħoss il-ħtieġa li jattendu hu ukoll, allura jiġu bbukkjati żewġ postijiet.

5) *E-mail* minn għand ICOMOS Malta, jistiednu li l-Kunsill jipparteċipa f'symposium annwali li din is-sena ser iġib l-isem ta' '*World Heritage Sites: The role of Local Communities*'. Dan ser isir nhar id-19 ta' Mejju, 2012. Qed jitolbu li xi membru tal-Kunsill jagħti 20 minuta *power point presentation*. Il-Kunsill qabel li jattendi s-Sindku Joseph Cordina.

6) *E-mail* minn għand il-Eurosite dwar stedina għall-Seminar fi Prague, ir-Repubbblika Ċeka bejn it-13 u l-15 ta' Ġunju, 2012 bit-tema '*Habitat Restoration in Natura 2000 sites in Krkonose National Park and Europe*'. Il-Kunsill qabel li ma jattendi ħadd.

7) *E-mail* mill-*Associazione Malta Sicila* jitolbu jekk il-Kunsill hux dispost li joffri kirja ta' kamra fi ħdan il-premises tiegħu b'xejn lil din l-Assoccjazzjoni. Hu wegħdu li jekk il-Kunsill dispost jagħmel dan, huma ser jagħtu preferenza lill-Kunsill fl-organizzazzjoni ta' Festivals li bi ħsiebhom jorganizzaw ġewwa Malta, wara li jakkwistaw il-liċenzji meħtieġa. Il-Kunsill qabel li jsiru kuntatti magħhom sabiex jaraw x'possibilitajiet jeżistu.

8) *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar extra briefinf session li ser issir fid-19 ta' April flimkien ma' dawk tal-25 ta' April u dik tad-19 ta' Ġunju, 2012

għal min hu nteressat biex japplika għall-fondi mill-Culture Programme tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill iddeċieda li jatteni l-Kunsilier Victor Zammit.

9) *E-mail* mill-Cultural Office tistieden lill-Kunsilli jipparteċipaw f'*one to one sessions* ma' esperti fil-qasam ta' *Funds for Cultural Operators*, fil-Cittadella Centre for Culture & Arts fil-11 ta' Mejju, 2012. Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal dawn is-sessjonijiet.

10) *E-mail* minn għand Heritage Malta tinforma lill-Kunsill sabiex il-guided tours fit-Tempji tal-Ġgantija, fiċ-Ċirku tax-Xagħra u fil-Mitħna ta' Kola bħala parti mill-attivitajiet abbinati ma' Jum ix-Xagħra, 2012, isiru nhar il-Ħadd 29 ta' April, 2012, peress li s-Sibt, 28 ta' April, 2012, ma jkunx hemm ħaddiema biżżejjed fis-siti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

11) *Memo* 17/2012 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-iskem ta' għajnuna dwar l-użu tas-servizzi e-gov bl-isem EGOV4U għall-Kunsilli Lokali.Il-Kunsill iddeċieda li japplika.

12) *E-mail* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-illojċjar Uffiċċjali tal-'*All Design Guidelines*'mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' nhar it-Tnejn 23, ta' April, 2012. Il-Kunsill iddeċieda li jattendi Dr Kevin Cutajar.

13) *Poster* dwar Musical bil-Malti fiċ-ċinema li ser jittella' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Mellieħa bl-isem 'Imħabba fuq il-Għolja' nhar it-18 ta' April, 2012. Il-Kunsill innota l-kontenut.

14) *E-mail* interna bid-dettalji tal-iskambji kulturali approvati għal matul is-sena 2012. Il-Kunsill feraħ bl-approvazzjoni u iddeċieda li jiddiskuti dawn l-iskambji meta l-Kunsill ikollu f'idejh aktar informazzjoni.

15) *E-mail* mill-Gozo Action Group Foundation dwar kompetizzjoni tal-fotografija li qed issir madwar l-Unjoni Ewropea mill-European Network for Rural Developmentu ġewwa Malta mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u Riżorsi. Il-Kunsill iddeċieda li din il-kompetizzjoni tkun imnedija fuq il-*website* tal-Kunsill għal kull min hu interessat.

16) *E-mail* minn għand Marthese Bugeja bil-program ta' Ġurnata Kulturai ġewwa Ragusa f'Mejju u Ġunju 2012. Il-Kunsill iddeċieda li dan ir-reklam ikun jidher fuq il-*website* tal-Kunsill għal kull min hu interessat.

17) *E-mail* minn għand Miriam Cassar fejn qed tagħti d-dettalji mitluba mill-Kunsill dwar is-sessjonijiet ta' Story Telling li hi toffri bil-Malti. Il-Kunsill iddeċieda li jippuvaw dan is-servizz fil-librerija tal-Kunsill u għalhekk qablu li jħallu f'idejn Ms Josephine Sultana sabiex tiddeċiedi hi l-aħjar żmien adattat.

18) Ittra mill-President tal-Għaqda Armar 2 ta' Settembru 1973, biex isiru numru ta' toqob fil-Lokalita' minħabba li żdied l-armar sabiex jitwaħħal fil-granet tal-Festa. Il-Kunsill approva li dan ix-xogħol isir.

19) Kopja ta' Korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u s-Sur Vassallo dwar Bus Shelter fil-Pjazza tan-Nazzarenu. Wara li s-Sindku ta' ħarsa lejn l-inċidenti kollha li nqalgħu fuq din il-Bus Shelter, il-Kunsill iddeċieda li għandu jakkwista prezzijiet ta' Bus Shelters oħra u jiġi deċiż liema hi l-aktar deċizzjoni vijabbli sabiex jiġi mwaħħal dan il-Bus Shelter.

20) *E-mail* minn għand Philip Agius f'isem it-Touring Club of Malta u l-Malta Transport Museum fejn qed jitolbu lil kull minn għandu ritratti jew pubblikazzjonijiet antiki li lest li jislifhom jew tal-inqas kopja tagħhom lil Malta Transport Museum. Il-Kunsill iddeċieda li dan ir-reklam ikun jidher fuq il-*website* tal-Kunsill għal kull min hu interessat.

21) *E-mail* minn għand il-Gozo Business Chamber tinforma li ser ikun hemm il-meeting annwali tagħhom nhar il-Ġimgħa, 13 ta' April, 2012. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22) Numru ta' *e-mails* minn għand Joseph Tabone, Kap tal-Monitoring Unit dwar aktar kjarifika fuq ċertu pagamenti li saru mill-Kunsill matul is-sena 2010. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv George Refalo fakkar li ġaladarba l-pagamenti saru mis-Segretarju preċedenti, Joseph Azzopardi għandu jirrispondi għal dawn il-mistoqsijiet.

23) *E-mail* minn għand l-Air Malta bil-prezzijiet tat-titjiriet b'konnessjoni maż-żjara li l-parteċipanti mix-Xagħra ser jagħmlu f' Chevaigné fi Franza. Il-Kunsill innota l-kontenut u iddeċieda li prezzijiet minn għand kumpaniji tal-ajru oħra għandhom jiġu evalwati ukoll.

24) *E-mail* minn għand John Barnes lis-Sindku Joseph Cordina dwar l-interess li jerġgħu jsiru sessjonijiet ta' qari bl-Ingliz fis-Sajf fil-Librerija tal-Kunsill kif ukoll djalogi bl-Ingliż ukoll għal min hu nteressat. Il-Kunsill iddeċieda li John Barnes jiġi infurmat li dawn is-sessjonijiet ġew approvati li jsiru mill-Kunsill bil-kundizzjonijiet tas-sena l-oħra.

25) *E-mail* b'risposta minn għand Maria Elena Attard dwar il-possibilita' li l-Kunsill japplika sabiex ikollu Information Centre fir-Ramla bl-għajnuna tal-iskema LIFE+. Il-Kunsill innota l-konetenut.

26) *E-mail* oħra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar extra briefing session li ser issir fid-19 ta' April flimkien ma' dawk tal-25 ta' April u dik tad-19 ta' Ġunju, 2012 għal min hu nteressat biex japplika għall-fondi mill-Culture Programme tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kunsill diġa kien iddeċieda li jattendi l-Kunsilier Victor Zammit.

27) *E-mail* minn għand Oliver Mallia dwar proposta li tikkonċerna l-Fugass tar-Ramla. Il-Kunsill iddeċieda li tiġi diskussa l-proposta tas-Sur Mallia.

28) *E-mail* minn għand Tanguy Zimmermann f'isem EnergyCities dwar jekk il-Kunsill hux interessat jirreġistra magħhom jew le. Il-Kunsill Lokali ddeċieda li ma jirreġistrax.

29) *E-mail* minn Daniela Cauchi tistaqsi dwar jekk hemmx faċilitajiet ta' Water Sports fir-Ramla peress li tixtieq torganizza attivita' hemm. Il-Kunsill iddeċieda li jikteb lil Ms Cauchi jitlobha sabiex tapplika għall-permessi meħtieġa qabel ma tibda torganizza xi attivita' ir-Ramla.

30) *E-mail* minn għand Publio Vassallo dwar l-attiva li ser tiġi organizzata nhar il-Ħadd, 22 ta' April ġewwa l-Pjazza prinċipali tax-Xagħra fejn ser issir żjara mill-Mini Owners Club ta' Malta.Il-Kunsill kien diġa ddeċieda aktar qabel dwar din il-porposta u kien qabel li l-Pjazza tkun magħluqa għat-traffiku.

31) *E-mail* minn għand Joe Attard f'isem Green MT fejn qiegħed jistieden lill-Kunsill jevalwa l-offerti li huma joffru għal meta tinħass il-ħtieġa li jsir dan. Il-Kunsill iddeċieda li din l-offerta għandha tiġi evalwata peress li kif ġie deċiż aktar qabel, il-Kuntratt ma' Green Pak wasal biex jiskadi.

32) *E-mail* mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar konferenza Internazzjonali li ser issir bejn il-11 u t-12 ta' April, 2012 fil-Lukanda San Antonio fejn ser jitrattaw ċertu temi li jolqtu lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

33) *E-mail* mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar x'sistema jixtieq li l-Kunsill jadotta fejn jidħlu xogħolijiet tal-Water Services Corporation. Il-Kunsill iddeċieda li jagħżel li x-xogħol tal-asfaltar tal-kanali jsir mill-Kunsill Lokali skont il-ftehim bejn il-WSC u l-AKL.

34) *E-mail* minn għand il-MEUSAC dwar 2012 LIFE+ information session li ser issir nhar l-20 ta' April, 2012, il-Belt Valletta. Il-Kunsill iddeċieda li jekk jattendi Dr Joseph Attard.

35) *E-mail* minn għand Peter Halasz bl-applikazzjoni dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill f'Youth Exchange Programme fl-Ungerija, fix-xahar ta' Awwissu, 2012.Il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti fid-dettall l-applikazzjoni.

36) *E-mail* minn għand Paulina Lonnroth dwar ECAD Mayor's Conference li din is-sean ser issir f'Killarny l-Irlanda bejn id-9 u t-12 ta' Mejju,2012.Il-Kunsill innota l-kontenut.

37) Ittra mill-Kumitat Festi tal-Għid fejn qed jitolbu lill-Kunsill hux dispost li jħallas l-ispejjeż tal-PA system li ntużat f'dan il-pageant li ttella' bil-kollaborazzjoni tal-

Kunsill Lokali tax-Xagħra. Meta l-Kunsill jirċievi l-kont, jiddeċiedi l-ammont li għandu jingħata lill-Kumitat Festi tal-Għid.

38) *E-mail* minn għand Marie France Mailhos bid-dettalji tal-Festival ta' Chevaigne li ser isir f'Ġunju, 2012.Il-Kunsill innota l-program u iddeċieda li jintalab aktar informazzjoni dwar ċertu dettalji oħra relatati.

39) Ittra mis-Segretarju tal-Soċjeta' Fil. Victory tinforma lill-Kunsill li l-kiri tas-Sala 'Dun Alwig Camilleri' għas-sessjonijiet taż-Żumba huma ta' €50 kull sezzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li jerġa jevalwa l-proposta wara li jitkellmu mas-Surmast tal-Iskola Primarja dwar dawn is-sessjonijiet.

*40)* *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bil-program ta' korsijiet li ser jiġu offruti lill-ħaddiema tal-Kunsill inklużi, sabiex min hu nteressat japplika. Il-Kunsill iddeċieda li din l-email għandha tiġi mgħoddija lill-ħaddiema tal-Kunsill li huma nteressati.

*41)* *E-mail* mill-MCAST dwar l-interess ta' *unpaid work placement scheme* għall-istudenti tal-MCAST ma' xi għaqdiet fil-Lokalita' fuq ċertu oqsma partikulari. Il-Kunsill iddeċieda li din l-*email* għandha titbagħat lill-Għaqdiet kollha tal-Lokalita' li huma nteressati.

*42)* OPM Circular 11/2012 dwar University Students' Summer Work Opportunities. Il-Kunsill iddeċieda li tintalab aktar informazzjoni dwar il-kontenut taċ-ċirkurari.

*43)* Ittra minn għand il-kumpanija tal-IT TCTC fejn qed toffri x'servizzi tagħti hi. Il-Kunsill talab lis-Sinjorina Maria Grima tevalwa s-servizzi ta' din il-kumpaniji u tressaq il-veduti tagħha għad-diskussjoni fil-Kunsill kemm-il darba ikun hemm xi interess li l-Kunsill juża s-servizzi ta' din il-kumpanija.

*44)* Ittra ta' awguri lis-Sindku Joseph Cordina għall-ħatra tiegħu mill-ġdid ta' Sindku tax-Xagħra minn Karl-Heinz Lambertz f'isem il-PES Group, Committee of the Regions. Is-Sindku umilment aċċetta l-awguri u l-Kunsill iddeċieda li dan l-awguri għandu jiġi reċiprokat b'ittra ta' ringrazzjament mill-Kunsill Lokali.

*45)* *E-mail* minn Maria Ebejer f'isem l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura tistieden lill-Kunsill jipparteċipa fil-Wirja annwali imtella' minnhom bjen is-Sibt 5 ta' Mejju u l-Ħadd, 6 ta' Mejju, 2012. Il-Kunsill iddeċieda li jistaqsi jekk hemmx aktar Kunsill Lokali Għawdxin li ser jipparteċipaw sabiex jevalwaw l-istedina.

*46)* *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar eżerċizzju li qed tniedi l-MEPA mal-Kunsilli li għandhom fi ħdan il-konfini tagħhom siti ta' Natura 2000.Il-Kunsill innota l-kontenut u iddeċieda li jipparteċipa f'dawn l-eżerċizzji meta jiġu nfurmati jagħmlu dan mill-MEPA.

47) Ittra mill-GRTU tinforma lill-Kunsilli Lokali dwar laqgħat ta' konsultazzjoni li ser jitniedu fil-ġimgħat li ġejjin mal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

48) *E-mail* minn AF Services tinforma lill-Kunsilli dwar l-assistenza li huma joffru lill-Kunsilli sabiex jisfruttaw aħjar Fondi tal-UE għal-lokalita' tagħhom. Il-Kunsill innota' l-kontenut.

49) *E-mail* mill-IAMAW( International Association of Agri-Mediterranean Wastes) dwar l-ewwel International Workshop li ser isir f'Santarem, Portugal bejn il-5 u t-8 ta' Ġunju, 2012. Il-Kunsill innota l-kontenut.

50) Ittra mill-Ministeru għal Għawdex MG 280/11 tinforma lill-Kunsill dwar żewġ postijiet li ġew identifikati fil-Lokalita' fejn jistgħu jiġu installati Charging Points għall-vetturi tal-elettriku. Il-Kunsill iddeċieda tintalalb li ssir laqgħa mal-Ministeru dwar il-kontenut.

51) *E-mail* mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali tinforma lill-Kunsill li fil-ġranet li ġejjin ser jattendu fl-Uffiċċji tal-Kunsill sabiex jevalwaw l-infrastruttura tal-IT peress li s-sevizz tal-Customer Care mogħtija mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali ser jibda jingħata mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

52) *E-mail* minn Marilyn Chetcuti bil-prezzijiet li hi qed titlob għaż-Żumba Classes li ser jiġu offruti fil-Lokalita'. Il-Kunsill iddeċieda li minbarra l-ħlasijiet tal-Klassijiet, Ms Chetcuti għandha tingħata ukoll *refund* tal-ispejjeż tal-vapur u tat-transport pubbliku.

53) *E-mail* minn għand id-D-Blaze workshop coordinator biex tinforma lill-Kunsill dwar seminar ta' nofs ġurnata fuq Conflict Resolution ser isir nhar is-17 ta' April, 2012 fil-Le Meridien Hotel. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54) *E-mail* mit-TCTC tinforma lill-Kunsill li ser ikun hemm extension tad-deadline biex il-Kunsilli japplikaw għall-korsijiet I-Kids offruti mill-istess kumpanija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

55) *E-mail* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-EU Sustainable Enery Week 2012. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56) Ittra minn għand is-Surmast tal-Iskola Primarja tax-Xagħra fejn qed jistieden lill-Kunsill jiddiskuti l-proposta tat-turf fil-grawnd tal-iskola mal-Mini Council fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill qabel mad-deċiżżjoni u iddeċieda li għandha tiġi stabbilita' data maqbula mill-partijiet konċernati fil-viċin.

57) Ittra mill-Area Manager tal-HSBC fejn ippreċiża x'servizzi l-HSBC qiegħed jimmodifika fl-aġenzija li l-istess bank jopera fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

58) *E-mail* mill-Gozo School of Arts dwar information meeting organizzat mid-Direttorat tal-Lifelong Learning nhar il-Ħamis,8 ta' Marzu, 2012. Il-Kunsill innota l-kontenut.

59) *E-mail* mill-International Juvenile Justice fejn qed tinforma lill-Kunsill bil-Ħames Konferenza internazzjonali li ser ġewwa Londra bejn il-5 u s-7 ta' Novembru, 2012. Il-Kunsill innota l-kontenut.

60) Ittra mill-Heritage Malta fejn qed jitolbu li peress li l-fanali li hemm maġenb il-Mitħna Ta' Kola huma mingħajr provvista' ta' dawl, dawn il-fanali għandhom jiġu kkomunikati mad-dawl tal-EneMalta.Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba tiġi milqugħa u l-EneMalta tiġi infurmata minnufih.

61) *E-mail* mill-Comune ta' Belvi, Sardinia fejn qed juru nteress li jsir ġemellaġġ magħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

62) *E-mail* minn għand Lara Vassallo fejn qed tagħti aktar dettalji dwar il-workshop li hi torganizza mat-tfal. Il-Kunsill innota l-kontenut.

63) *E-mail* mill-Comune ta' Gairloch, Sardinia fejn qed juru nteress li jsir ġemellaġġ magħhom. *E-mail* mill-Comune ta' Belvi, Sardinia fejn qed juru nteress li jsir ġemellaġġ magħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

64) Ittra mill-kumpanija TCTC fejn qed tirreklama x'servizzi għat-tagħlim tat-tfal fl-IT toffri. *E-mail* mill-Comune ta' Belvi, Sardinia fejn qed juru nteress li jsir ġemellaġġ magħhom. Il-Kunsill innota l-kontenut.

**Ilmenti**

1) Ilment minn Pauline Mercieca ta' 117C, Triq Bullara, Xagħra, sabiex jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli ma-għalqa ta' faċċata ta' Triq l-Għar ta' Xerri li jindikaw li ma jsirx tfiegħ ta' skart f'dawk l-inħawi. Il-Kunsill iddeċieda li dawn it-tabelli jitwaħħlu.

2) Ilment minn Joseph Theuma ta' 86, Triq Ġnien Xibla, Xagħra, sabiex jinqata' l-ħaxix li hemm fil-passaġġ li jagħti għall-għelieqi fl-inħawi tal-Għejjun u titwaħħal tabella sabiex il-klieb ma jtħallewx iħammġu. Il-Kunsill iddeċieda li dawn it-tabelli jitwaħħlu.

3) Ilment minn Joseph Refalo ta' 15, Żernieq, Triq Gajdoru, Xagħra, sabiex jinżabbru s-siġar li hemm ħdjen ir-residenza ta' ommu fi Triq Vestru. Il-Kunsill iddeċieda li dawn is-siġar jinżabbru.

4) Ilment minn Charles Bajada ta' Sapphire, Triq Karkar, Xagħra, sabiex jinżebgħu s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Tirq Parisot fil-parti fejn twessgħet. Il-Kunsill innota s-suġġeriment.

5) Ilment minn Josephine Borg ta' 41, Triq it-28 ta' April, 1688, sabiex issir tappiera tas-siment għar-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li din it-tappiera ssir.

6) Ilment imressaq mis-Sindku Joseph Cordina sabiex jitnaddaf passaġġ fi Triq Għajn Ħosna. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

7) Ilment minn Victor Theuma ta' 59, Triq Mannar, Xagħra, sabiex isir patching bis-siment f'passaġġ fi Triq Gajdoru. Il-Kunsill talab li tingħata aktar informazzjoni sabiex ma jsirx xogħol fi proprjeta' ta' terzi persuni.

8) Ilment minn Paul Theuma ta' 73B, Triq Ġorf, Xagħra, sabiex jinbnew xi ħitan tas-sejjiegħ fl-inħawi ta' Għajn Ħosna. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

9) Ilment minn Victor Cremona ta' Ave Maria, Triq John Otta Bayer, Xagħra, sabiex jinbnew xi ħitan tas-sejjiegħ fl-inħawi ta' Għeżien. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

10) Ilment minn Carmel Attard ta' Oakdale Farm, Triq il-Ġebla ta' Sansuna, Xagħra, sabiex jitranġaw il-ħitan tas-sejjiegħ u l-passaġġ li hemm fl-inħawi tan-Nenus. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir u li l-passaġġ jitranġa bil-*concrete*.

11) Ilment minn Victoria Grech ta' 18, Pjazza l-Vittorja, Xagħra, sabiex Keep Clear sign quddiem l-isqaq fejn toqgħod hi. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

12) Ilment imressaq minn Ivan Attard, impjegat tal-Kunsill, sabiex isr patching fi Triq Għajn Ħosna. Il-Kunsill innota li kien diġa iddeċieda li x-xogħol isir.

13) Ilment minn Rita Sciberras ta' 45, Triq l-Isqof Rużar Farruġia, Xagħra, sabiex tinqala' siġra li hemm ħdejn ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

14) Ilment minn Josephine Mercieca ta' 13, Triq il-Knisja, Xagħra, sabiex jitranġa l-culvert tal-ilma li hemm quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li Salvu Bonello jagħmel stima tax-xogħolijiet.

15) Ilment minn Carmen Sultana ta' 26, Triq Gajdoru, Xagħra sabiex jinżebgħu il-wiċċ u l-kurduna tal-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

16) Ilment minn Joseph Farruġia ta' Our Nest, Vjal it-8 ta' Settembru, Xagħra, sabiex titranġa l-għatba tal-bieb tar-residenza li għandu fl-isqaq ta' fejn l-Oleander Restaurant. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

17) Ilment minn Grace Sultana ta' GraceAndrew, Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono, Xagħra, sabiex isir dustbin akbar ħdejn ix-Xagħra FC. Il-Kunsill iddeċieda li jitwaħħal dustbin ieħor ma' dak li eżistenti.

18) Ilment minn Saviour Vella ta' Lurnea House, Triq Bullara, Xagħra, sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

19) Ilment minn Victor Grech ta' Qronfla Hse, Triq Gajdoru, Xagħra, sabiex isiru żewġ sinjali Slow fi Triq Gajdoru, u iehor fil-kantuniera bejn Abraham's u Triq Gajdoru. Il-Kunsill iddeċieda li l-każ jiġi riferut lill-Transport Malta.

20) Ilment minn Emanuel Grech ta' Merill, Vjal it-8 ta' Settembru, Xagħra, sabiex titranġa l-kurduna tal-bankina ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

21) Ilment minn Joseph Camilleri ta' 21, Triq Bullara, Xagħra, sabiex jitranġa l-ħajt tas-sejjiegħ fl-inħawi ta' Għajn Damma. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

22) Ilment minn Vanessa Mizzi ta' St. Michael, Triq l-Arċipriet Ġużeppi Diacono, sabiex isiru No Parking signs quddiem il-ħanut Maria Bambina. Il-Kunsill iddeċieda li l-każ jiġi riferut lill-Transport Malta.

23) Ilment minn Joseph Sultana ta' 29, Triq l-Ispieri, Xagħra, sabiex jitranġa ħajt imwaqqa' fl-inħawi ta' Għejjun. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

24) Ilment minn Victor Sciberras ta' Vicrose, Triq Gajdoru, Xagħra, sabiex jingħata materjal ħalli jirranġa parti minn Triq Għejjun maġeb l-għalqa tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li l-materjal għandu jingħata.

25) Ilment minn Elizabeth Curmi ta' 16A, Triq Għonqa, Xagħra, sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

26) Ilment minn Michael Anġelo Xerri ta' 99, Triq Bullara, Xagħra, sabiex jitħalleb il-madum tal-latrini Pubbliċi. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol ma jsirx peress li l-latrini dalwaqt jiġu demolizzati.

27) Ilment imressaq mis-Sindku Joseph Cordina, sabiex jitranġa l-wied fl-inħawi taċ-Ċianti taħt is-Sruġ. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

28) Ilment min Elizabeth Camilleri ta' 3, Qalb ta' Ġesu, Triq il-Kortoll, Xagħra, sabiex is-servizz tat-trasport pubbliku jibda' jgħaddi minn dawk l-inħawi. Il-Kunsill iddeċieda li l-każ jiġi riferut lill-Transport Malta.

29) Ilment minn Jennifer Agius ta' Ġnejna Crt, Blk A, Flt 6, ta' Triq il-Komittiva, Xagħra, sabiex isir culvert tal-ilma quddiem ir-residenza li għandha fi Triq tal-Qaċċa. Il-Kunsill iddeċieda li Salvu Bonello jagħmel stima tax-xogħolijiet.

30) Ilment minn John Grech ta' 5, Triq Ġorf, Xagħra, sabiex titranġa bozza L019/63 fi Triq Ġorf. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

31) Ilment minn Lucia Said a' 56, Triq Sruġ, Xagħra, sabiex titranġa bozza L146/63 fi Triq Ġorf. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

32) Ilment minn Frans Grech ta' 22, Għajn Qamar, Xagħra, sabiex jitranġa l-isqaq fi Triq Pergla bis-siment. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

33) Ilment minn Ġiulitta Dalli ta' Kunvent Ġesu' Nazzarenu, Ġnien Xibla, Xagħra, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem il-bini ta' l-iskola. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jitwaħħlu tabelli No Parking on School Days Only.

34) Ilment minn Joseph Bonello ta' 143, Joedor, Triq it-28 ta' April, 1688, Xagħra, sabiex titranġa rampa quddiem garage li għandu fi Triq Jannar. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

35) Ilment imressaq mis-Sindku Joseph Cordina, sabiex jitranġa ħajt fi Triq Kortoll. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

36) Ilment minn Michael Vella ta' NB, Triq Strellini, Xagħra, sabiex jingħata ftit konkos quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

37) Ilment minn Vincent Vella a' Vinvick, Triq l-Arċipriet Ġużepp Diacono, Xagħra, sabiex issir tappiera fuq il-bankina tar-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

38) Ilment minn Victor Bajada a' 43, Triq tal-Qaċċa, Xagħra, sabies isir gandott quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li Salvu Bonello jagħmel stima tax-xogħolijiet.

39) Ilment minn Michelina Borġ ta' NB, Triq Bullara, Xagħra, sabiex il-culvert tal-ilma minn Triq Bullara għal Triq l-Ispieri jibda' minn quddiem ta' Michael Ċini. Il-Kunsill innota li dan il-każ kien diġa ġie diskuss aktar qabel.

40) Ilment minn Joseph Camilleri ta' Kelina Flts, Triq Marsalforn, Xagħra, sabiex titranġa l-bankina ta' quddiem ir-resdenza tiegħu u ssir daqsxejn ta' għatba quddiem il-bieb tal-garage. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

41) Ilment minn Jesmond Farruġia taż-Zajbra Snack Bar, Vjal it-8 ta' Settembru, Xagħra, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-restaurant tiegħu peress li qed ikollu diffikulta jħott. Il-Kunsill iddeċieda li l-każ jiġi riferut lill-Transport Malta.

42) Ilment minn Mary Jane Theuma ta’ 74, Triq Franġisk Camilleri, Xagħra, sabiex titranġa l-bankina ta’ quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

43) Ilment minn Rita Azzopardi ta’ Ta’ Haqqu, Vjal it-8 ta’ Settembru, Xagħra, sabiex titranġa t-triq ta’ quddiem il-ħanut tagħha għax qed iżżomm ħafna ilma meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill iddeċieda li l-każ jiġi riferut lill-Ministeru għal Għawdex.

44) Ilment minn Saviour Attard, ta’ Nazzarenu Crt, Blk A, Flt 2, Triq Ġnien Xibla, Xagħra, sabiex tiġi nstallata Bus Stop ġdida quddiem ir-residenza tiegħu fejn kien hemm qabel. Il-Kunsill iddeċieda li l-każ jiġi riferut lill- Transport Malta.

45) Ilment minn Peter Muscat, ta’ 18, Triq l-Ispieri, Xagħra, sabiex tiġi installata bozza ġdida qabel ma’ wieħed jibda nieżel in-niżla tal-Għeżien. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

46) Ilment b’e-mail minn Louis Scerri ta’ Il-Vitorja, Triq Ġorf, Xagħra, sabiex titwaħħal bozza fl-isqaq ta’ fejn ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

47) Ilment minn Carmen Frendo ta’ Gratia Plena, Triq Ġnien Xibla, Xagħra, sabiex issir applikazzjoni għall-bozza ġdida fi sqaq fi Triq Gajdoru, fil-bidu tat-triq min-naħa tan-Nazzerenu. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

48) Ilment minn Chis Farruġia ta’ NB, Triq Ġorf, Xagħra, sabiex jitranġa ħajt imwaqqa’ fi Triq Ġorf. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

49) Ilment minn Joseph Gatt ta’ 54 Triq Mannar, Xagħra, sabiex jitranġa l-passaġġ li hemm fl-isqaq ta’ Karkar bil-konkos. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

Is-Sindku Joseph Cordina talab li tiġi rapurtata lill-Pulizija ‘Dangerous Structure’ quddiem Emerald Pearl Ville, Triq Marsalforn, Xagħra.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius talab li tingħalaq parti mill-gandott ta’ Triq it-Tiġrija eżattament quddiem John Sultana. Hu talab li hemm mera tat-traffiku fi Triq Parisot fejn ta’ Victor Attard, biex titranġa għax hi ta’ periklu. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir ħadida ta-żibel mal-ħajt f’salib it-toroq ma’ Triq Parisot u oħra faċċata ta’ Tony Galea ta’ Triq Ġwann Maria Camilleri. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

Dr. Kevin Cutajar ilmenta li hemm 2 bozoz ma jixgħelux fi Triq tal-Qaċċa. Waħda ma’ ta’ Lina Camilleri u missierha u l-bozza l-oħra quddiem ta’ fejn joqgħod hu. Hu ilmenta ukoll li quddiem l-Bank HSBC hemm biċċa kanna tal-pellican lights li kien hemm darba, li għadha mħawwla fit-triq u hi ta’ periklu, sabiex tinqata’ minn mal-wiċċ tat-triq. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir. Dr Cutajar saqsa dwar l-orarju tal-ġbir ta’ skart u jekk

jinġabarx l-iskart fi Btajjel Pubbliċi. Hu ġie infurmat li fi Btajjel Pubbliċi jinġabar ukoll l-iskart.

Dr Joseph Attard ġibed l-attenzjoni li hemm żewg bozzoz maħruqin waħda fejn 76A, Triq Sant' Anton u l-oħra ma 48, Triq il-Knisja. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

Victor Zammit ilmenta li hemm żewġ bozoz ipetptu, waħda quddiem ta' Rapa Hi-Fi u oħra ħdejn il-Cornucopia.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-11.30 p.m. Il-Kunsill issuġġerixxa li jkun xieraq li l-laqgħa li jmiss issir mis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid wara li jkunu saru l-intervisti u intgħażel is-Segretarju Eżekuttiv mill-Bord tal-Għażla u approvat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Għalhekk kien hemm qbil li d-data tal-laqgħa li jmiss titħabbar aktar tard.

+

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**George Refalo**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**